# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023**

**Numru 7**

**Rikors Numru  88/21TA**

**Ivan Azzopardi (I.D. 702761M) u martu Jennifer Anne Azzopardi (I.D. 63174A) għal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

1. **Alfred Sciberras (I.D. 0434836M);**
2. **Mapfre Middlesea plc u**
3. **England Insurance Agency Limited għal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Ivan Azzopardi u martu Jennifer Anne Azzopardi (l-Attur u l-Attriċi rispettivament) tat-2 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Dakinhar tal-incident u cioe` fit-8 ta' Mejju tas-sena 2019, r-rikorrenti kien qieghed issuq gewwa Birkirkara, l-mutur tieghu tal-ghamla Yamaha X

Max 300, meta dahlet go fih, vettura tat-tip Daewoo Racer, bin-numru ta' registrazzjoni BAA-028, liema vettura hija assigurata mis-socjeta' assiguratrici Mapfre Middlesea Insurance PLC;

2. Is-sewwieq tal-vettura Daewoo Racer, f'dak il-mument tal-incident kien is-Sur Alfred Sciberras, li kien qieghed issuq b'mod irresponsabbli, nuqqas ta' hila u diligenza u kif ukoll b'nuqqas ta' tharis ghar-regolamenti tat-traffiku;

3. Illi b'konsegwenza tal-incident l-attur, Ivan Azzopardi qieghed ibati danni konsiderevoli u ha jibqa jbati bihom fil-futur wkoll kemm fuq persuntu u kemm fuq is-sahha mentali tieghu;

4. Din id-debilita' permanenti giet mkejjla f'rapport mediku, mhejji minn Mr Massimo Abela li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A", filwaqt li l-effetti fuq is-sahha mentali tar-rikorrenti gew irappurtati permezz ta' rapport iehor mill-konsulent Psikjatra Dr Etienne Muscat, liema rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B';

5. Fuq il-post issejjhet ambulanza li hadet lill-Ivan Azzopardi gewwa l-Emergenza ta' Mater Dei Hospitall;

6. L-intimati, mitluba sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni personali sofferti mir-rikorrenti baqgħu għal kollox inadempjenti, u dan anke li wara li gew mitluba jersqu ghall-hlas tal-istess danni permezz ta' Ittra Ufficjali. Kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u immarkata bhala Dok. 'C';

7. Ivan Azzopardi (K.I. nru. 702761(M)) jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Għalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

<u>Talbiet</u>:

**Jgħidu għalhekk l-intimati, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara u tiddecidi 'lli l-intimati, jew minn minnhom, huwa jew huma responsabbli għad-danni u spejjeż sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat, konsegwenza tal-incident li sehh nahr it-8 ta' Mejju tas-sena 2019 u cioe` kollizzjoni bejn r-rikorrenti li kien qieghed issuq il-mutur tal-marka Yamaha X Max 300 u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAA028 tal-marka Daewoo Racer, misjuqa minn Alfred Sciberras;

2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti *nominandi*, l-istess danni u spejjeż sofferti mir-rikorrenti konsegwenza ta' dan l-incident;

3. Tikkundanna lill-intimat, jew minn minnhom, iħallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati u dan flimkien ma' l-imgħaxijiet dekoribbli skond il-ligi.

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1932/2020 mibghuta kontra l-intimati, li jinsabu minn issa kollettivament nġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ta' Alfred Sciberras u Mapfre Middlesea Plc (il-konvenut u Konvenuta Mapfre rispettivament) tad-19 ta' Marzu 2021, li biha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

"1. Illi r-responsabbilta' tal-esponenti għall-inċident mertu ta' din il-kawża mhijiex qed tiġi kkontestata;

2. Illi dak li qiegħed jiġi kkontestat huwa l-*quantum* tad-danni li ġie pretiż mir-rikorrenti fin-negozjati ta' qabel nfetħu l-proċeduri odjerni;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti trid għalhekk tipprova d-danni realment subiti minnha;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż."

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' England Insurance Agency Ltd (il-Konvenuta England) tat-22 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"Illi s-soċjeta' konvenuta England Insurance Agency Ltd mhijiex il-leġittimu kuntradittur fil-kawża odjerna stante illi hija mhijiex is-soċjeta' assiguratriċi illi tkopri l-użu tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BAA 028, iżda hija biss aġenta tal-assiguratur li hu stabbilit f'Malta.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti huma sempliċi. Meta fit-8 ta' Mejju 2019 l-Attur kien qiegħed isuq il-mutur tal-marka Yamaha X Max 300 ġewwa B'Kara, daħlet ġo fih vettura tal-marka Daewoo Racer bin-numru tal-pjanċa BAA-028. Din il-vettura kienet misjuqa mill-konvenut. Bħala fatt, il-konvenuti Sciberras u Mapfre ammettew it-tort, għalhekk ma hemmx ħafna xi tgħid. Ma qablux pero fuq id-danni li kien qiegħed jirriklama l-Attur.

**2.** Għalhekk l-Attur kellu jagħmel din il-Kawża biex jiġu likwidati d-danni li sofra.

**Punti ta' Liġi**

**3.** L-uniku punt ta' liġi hija l-likwidazzjoni tad-danni għaliex kif diġa' rilevat, ir-responsabbilita hija ammessa, ħlief għall-konvenuta England li qegħda tgħid li ma hiex il-leġittima kontradittriċi għaliex kull ma kienet aġenta tas-Soċjeta' Mapfre.

**4.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ kategoriji: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**5.** Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-

Kodiċi Ċivili. Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

**6.** Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili tikkonsisti f'"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono -vs- Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**)

<u>*Damnum emergens*</u>

**7.** Dawn id-danni jikkonsistu fi spejjes li l-Attur kellu fattwalment jagħmel b'konsegwenza ta' dan l-inċident. Fi kliem il-liġi stess dawn ix-xorta ta' danni jirreferu għal *telf effettiv li l-egħmil tagħha* (tad-danneġġjant)

*jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara*. Dawn l-ispejjes jikkonsistu f'diversi nefqiet li kellu jagħmel l-Attur b'konsegwenza tal-inċident (ar a' fol 27, 64 u 65, 82, 103,104, 105,220,106 sa114). Flimkien ma dawn jiżdiedu l-ispejjes ta' Mr Massimo Abela fl-ammont ta' €300 (a' fol 14). B'kollox għalhekk id-damnum emergens huwa ta' elfejn tlett mija sebgħa u sebgħin punt ħamsa u sebgħin ewro **(€2,377.75).**

*Lucrum cessans*

**8.** F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla** fejn stabbilit kif jiġu komputati u likwidati d-danni. Din is-Sentenza tagħmel użu mis-segwenti kriterji.

**9.** Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

**10.** Dan huwa neċessarju sabiex il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni

u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

**11.** B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħdha tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**12.** Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of*

*precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**). Huwa wkoll stabbilit, li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

Il-multiplier irid ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

**13.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien

wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert -vs- Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** fejn kienet qalet hekk: "*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.*"

**14.** Wara Butler -vs- Heard bdiet titnaqqas *lump sum payment* mill-ammont dovut li tirrapresenta il-proċess ta' konsum mill-Attur. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Pero' minħabba ċertu ċirkostanzi partikolari tal-każ, *il-lump sum payment* mhux ser ikun imnaqqas.

**15.** Finalment irid jingħad li l-entrojtu tad-danneġġjat huwa essenzjali għal kalkolu tad-danni konsistenti f'telf fil-futur u dan ħafna drabi jkun ikkalkolat fuq is-salarju tal-vittma jekk tkun impjegata jew il-qliegħ li tagħmel f'każ li tkun self-employed.

<u>*Kalkolu*</u>

**16.** Jirrisulta li fil-mument tal-inċident l-Attur kellu 57 sena. Iġifieri jekk din il-Qorti kellha timxi bir-riga fuq imsemmija, din għandha timxi fuq medda ta' sebgħa snin tant li l-Attur joħroġ bil-pensjoni ta' 65. Dan il-kriterju huwa wieħed ġenerali b'dana ma jfissirx li jekk din il-Qorti ikollha provi ċari li d-danneġjant seta' kompla jaħdem wara dan il-perjodu dan għandu jkun injorat partikolarment jekk jirriżulta lill-Qorti li dan ma kien isofri minn ebda kundizzjoni medika kronika anterjuri għall-inċident u kif ukoll li x-xorta ta' impieg li kien jippermettilu jkompli jaħdem għaliex ma kienx ser ikun terminat. Issa l-Attur huwa fil-kummerċ u għandu kumpanija jisimha Sarex Ltd li ċertament ma kienitx ser titterminalu l-impieg tiegħu magħha wara li jagħlaq il-65 sena. Jirrisulta ukoll, li l-Attur huwa bniedem attiv u bid-dispożizzjoni li ma jidhirx li kien ser jirtira wara li jagħlaq 65 sena. Din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha l-okkażjoni li f'dan ir-rigward tagħmel din l-osservazzjoni:

"*Bħal ma persuna ta' eta' żgħira li pero' tkun afflita b'multipliċita' ta' kundizzjonijiet mediċi jista' jkollha l-aspettattiva għal ħajja imnaqqsa, hekk ukoll persuna li jkollha eta' pjuttost avvanzata minħabba l-istat tajjeb ta' saħħa qabel akkadut jista' jkollha din l-aspettattiva prolonguta lil hinn mill-eta' ta' 65 sena.*" (**Ara sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2023 fl-ismijiet Radoslav Yurukov -vs- GasanMamo Insurance Limited**). Għalhekk, wara li din il-Qorti fliet sewwa l-atti hija tal-fehma, li l-perjodu ai fini ta' multiplier għandu jkun estiż sal-eta' ta' sebgħin sena. Ifisser, li din il-Qorti

bħal kalkolu ser tkun qed tieħu l-perjodu ta' tnax-il sena (57 sena sa 70 sena).

**17.** Kwantu għal-*lump sum payment*, il-Qorti qieset li dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin għal ftit aktar minn tlett snin. Għalhekk fuq skorta tas-Sentenzi ta' dawn il-Qrati huwa ġust li dan għandu jitnaqqas bi 18%.

**18.** Ir-rapporti mediċi tat-tobba li xehedu ex-parte jvarjaw minn dawk tat-tobba maħtura mil-Qorti. Skond rapport mediku ta' Massimo Abela, ortopediku, il-konvenut qiegħed isofri minn ġrieħi permamenti ta' 12%.(a' fol 13). Rapport ta' Etienne Muscat, Psikjatra, id-diżabilita' hi ta 15%. (a' fol 17). Skond rapport tal-espert mediku Frederick Zammit Maempel din hi ta' 7% (a' fol 810). Dan it-tabib jagħti spjega tad-differenza bejn il-persentaġġ li ta hu u dak ta' Massimo Abela. Jispjega għaliex lill-Attur rah meta kien hemm miljorament fil-kundizzjoni tiegħu (a' fol 321 tergo). Hemm ukoll ir-rapport Psikjatriku ta' Joseph Cassar (a' fol 137). Skont il-konvenut il-persentaġġ ta' diżabilita' stabbilita minn dan t-tabib hija ta' 12% (ara nota ta' sottomissjonijiet para 3.10).

**19.** Issa huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza lokali, li meta jkollok aktar minn rapport wieħed, sakemm ma jkunx kollettiv, għandu jittieħed il-*weighted average*. Fis-**Sentenza tal-31 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet Brian Micallef -vs- Brian Tyre Services Limited**, fejn f'każ ta' persuna li sofriet minn diversi debilitajiet konsegwenza ta' inċident li ġarrbet, issemmiet il-ħtieġa li tiġi stabbilita *weighted average*:

"*Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009).*"

U **Fis-Sentenza tas-6 ta' Ottubru, 2020, fl-ismijiet Silvan Farrugia -vs- Carmelo Gatt et** ingħad hekk fir-rigward:

"*Illi l-artikolu 1045 tal-Kodici jaghmilha cara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bazi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u ghalhekk il-Qorti bilfors trid tallacja l-komputazzjoni tal-weighted average mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapacita lavorattiva u l-qliegh futur tieghu. Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-percentwali ta' disabilita` li trid tigi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku izda fuq l-effett illi din ghandha fuq il-qliegh tad-dannegjat.* "

**20.** F'dan ir-rigward l-Attur jixhed hekk:

"*...miniex naqbel mal-mod kif l-assigurazzjoni qeghdha tqassamhom biilli tiehu laverage bejniethom. Jiena inbati minnhom flimkien u b'mod shih ma nqumx fil-ghodu u niehu average tat-tbatija , u ghalhekk jiena inhoss li l-*

*kumpens taz-zewg ammonti ta' debilita' tinghatali ghax it-tbatija hija separata izfa f'persunti tinhass kumuluttivament mhux alternattivament jew, b'qies ivvintat*" (a' fol 91).

**21.** Il-Qorti tifhem is-sentiment tal-Attur, pero' f'ċirkostanza simili, fuq prassi twila ta' sitwazzjonijiet simili l-komputazzjoni tinħadem bil-mod kif jispjegaw il-Qrati. Pero' ma jfissirx li din il-Qorti ser tkun qed tinjora dak li jgħid l-Attur, kif ser jingħad aktar 'l isfel, fil-kuntest tal-integrita' sħiħa psiko-fiżika tal-persuna. Għalhekk, wara li din il-Qorti qieset ir-rapport tal-esperti tagħha waslet għall-konklużjoni li d-debilita' permanenti li qed isofri minnha l-Attur hija ta' 15%.

**22.** Kif diġa intqal, il-kalkolu jsir fuq l-introjtu tal-Attur (ara a' fol 130 sa 136). Wara li eżaminat l-FS3s tal-Attur, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-Attur kellu salarju nett medju ta' circa ta' ħamsa u sittin elf ewro (€56,000) fis-sena. Għalhekk hija din iċ-ċifra li ser tittieħed in konsiderazzjoni ai fini ta' kalkolu.

**23.** Imma apparti dan kollu, hemm ċertu aspett fil-persuna, li ma jistax ikunu kkumpensati bi flus. Persuna li ssofri inċident bħal dak li għadda minnu l-Attur qatt ma tista' tkun ripristinata għall-istat li kienet fih qabel. Mill-provi jirrisulta ċar li l-Attur ma baqax igawdi mill-kwalita' ta' ħajja li kellu qabel l-inċident. Il-prinċipju li jiggwida lil dawn il-Qrati huwa dak li titqiegħed lill-persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien fih qabel l-inċident. B'dana kollu jirrisulta li l-Attur ser ikompli ikun afflitt minn uġiegħ, il-ħajja familjari tiegħu nbidlet u ma jistax ikompli jeżerċita l-isport favorit tiegħu. Dawn kollha

huma aspetti fil-ħajja tal-persuna li għandhom jittieħdu għal skopijiet ta' integrita' mhux biss fiżika iżda anke ta' sodisfazzjon li toffri l-ħajja.

**24.** F'dan ir-rigward l-awturi jgħidu li "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…*" ( Ara **Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**). Il-Qorti hija konxja, li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' desiderata milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident gravi, li persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident. Għalhekk f'dan ir-rigward din il-Qorti qed tillikwida *ex equo et bono* somma oħra ta' sebgħat elef ewro (**€7,000**).

**25.** Għalhekk id-danni kollha huma is-segwenti:

€56,000 (qliegħ annwali) x 12 (snin lavorattivi) = €672,000- €120,960 (18% *lump sum payment*) = €551,040 - 15% (rata ta' diżabilita') = €82,656+ €7,000 (integrita' tal-persuna) = **€89,656**

**26.** Għalhekk il-*lucrum cessans* huwa l-ammont imsemmi piu d-*damnum emergens*, b'kollox id-danni jwasslu għal tnejn u disgħin elf, tlieta u tletin punt ħamsa u sebgħin ewro (**€92,033.75**).

**27.** Kwantu għad-danni reklamati mill-Attriċi, il-Qorti ma għandha xejn fl-atti dawn x'inhuma. Di piu' anke fir-rikors ġuramentat ma hemm xejn fil-

premessi li jorbot mad-danni alllegati minnha. L-anqas fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Attur ma hemm referenza għalihom. Għalhekk sa fejn jirrigwarda lil din l-Attriċi it-talbiet tagħha ser ikunu miċħuda.

**28.** Kwantu għall-konvenuta England, il-Qorti taqbel li ma hiex il-leġittima kontradittriċi stante li aġixxiet bħala aġent tal-konvenuta l-oħra Mapfre tant li fl-istess rikors ġuramentat l-anqas biss tissemma' ħlief fl-okkju. Għalhekk ser tkun qed tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tillibera mill-osservanza** tal-ġudizzju lis-Soċjeta konvenuta England Insurance Agency Limited.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** di fronte tal-konvenut Alfred Sciberras u Mapfre Middlesea Insurance Plc biss u dan fid-dawl li r-responsabbilita' ġiet ammessa minnhom it-tnejn.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur waħdu fl-ammont ta' tnejn u disgħin elf, tlieta u tletin punt ħamsa u sebgħin ewro (**€92,033.75**).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenuti Alfred Sciberras u Mapfre Middlesea Agency Limited iħallsu lill-Attur waħdu s-somma hekk likwidata, bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

**Tiċħad it-talbiet** fil-konfront tal-Attriċi Jennifer Anne Azzopardi.

Spejjes tal-kawża u tal-ittra uffiċjali 1932/2020 għall-konvenuti Alfred Sciberras u Mapfre Middlesea Insurance PLC ħlief dawk ta' England Insurance Agency Limited li għandhom ikunu sopportati mill-Attur u dawk tal-Attriċi li għandhom ikunu sopportati minnha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**